MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 137/1992/3

**Marianna Sciberras, Carmelo Bugeja. Francis, Anthony, John, Pawla Borg, Maria, Filomena Muscat, Gorga Borg, Carmela Attard, ahwa Bugeja; Carmela Rapa, Filippu, Giuseppi u Francesca ahwa Bonnici; Anthony Farrugia; u b'nota tal-4 ta' Lulju 2000 Filomena xebba Bugeja u Maria Assunta mart Raymond Bugeja *qua* eredi ta' Carmelo Bugeja li miet fil-mori tal-kawza, assumew l-atti minflok l-istess Carmelo Bugeja; u b'digriet tal-14 ta' Dicembru 2004 Salvu Sciberras, Francis Sciberras, Michael Sciberras u Filomena mart Dwardu Spiteri, ahwa Sciberras, assumew l-atti tal-kawza flok ommhom Marianna Sciberras stante l-mewt taghha fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Maria Rosa Tabone, Perit Joseph Dimech u Joseph Bonnici**

## Il-Qorti:

Dan hu provvediment dwar l-eccezzjoni ta' rikuza sollevata fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2005 fil-konfront tal-President ta' din il-Qorti, cioe` fil-
konfront tal-Prim Imhallef, u dan peress li huwa kien ippresjeda din il-Qorti (diversament komposta – tieni sezzjoni) li tat is-sentenza tat-28 ta' Novembru 2003 li t-thassir taghha qed jintalab sabiex il-kawza tigi in segwitu ritrattata.

Ir-ritrattandi qed jibbazaw it-talba taghhom ghal ritrattazzjoni fuq il-paragrafu (c) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 li, fit-test Malti tieghu, jipprovdi li jkun hemm lok li kawza tigi titrattata "…jekk wahda mill-partijiet fil-kawza ma tkunx persuna legittima, kemm-il darba ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni ta' illegittimita`" [1]. Il-mod kif inhu koncepit ir-rikors ta' appell jimplika li din il-Qorti, kif allura komposta fit-28 ta' Novembru 2003, hadet zball in kwantu ma ddecidietx xi affarijiet li kellha tiddeciedi jew iddecidiethom hazin.

Din il-Qorti, minghajr ma b'ebda mod f'dana l-stadju tidhol fil-meritu tal-kwistjoni ta jekk hemmx lok ta' ritrattazzjoni o meno, hi tal-fehma li fic-cirkostanzi l-President ta' din il-Qorti m'ghandux jibqa' jisma' din il-kawza ta' ritrattazzjoni. Konsegwentement l-eccezzjoni ta' rikuza sollevata fil-konfront tal-Prim Imhallef qed tigi milqugha.

---

[1] *"…where any of the parties was under legal disability to to sue or be sued, provided no plea thereanent had been raised and determined"* fit-test Ingliz.

Ghalhekk din il-kawza qed tigi differita ghal nhar it-Tnejn 9 ta’ Mejju 2005 f’nofs in-nhar (12.00 pm) sabiex tinstema’ minn din il-Qorti diversament presjeduta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------